REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 600/2010

tat-8 ta' Lulju 2010

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' żidiet u modifikazzjonijiet tal-eżempji ta' varjetajiet li jiġu minn xulxin jew prodotti oħra li għalihom japplika l-istess MRL

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq l-ikel u l-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali, u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Numru ta' Stati Membri talbu l-modifiki żgħar u żidiet fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, fil-kolonna "Eżempji ta' varjetajiet li jiġu minn xulxin jew prodotti oħrajn li għalihom japplika l-istess MRL".

(2) Dawn il-modifiki u żidiet jeħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 il-frott, il-ħxejjex u ċ-ċereali l-ġodda li saru disponibbli fis-swieq tal-Istati Membri.

(3) Huwa xieraq li jiżdiedu l-frott, il-ħxejjex, iċ-ċereali u l-prodotti mill-annimali li jidhru hawn taħt: il-minneola, il-pruna salvaġġa, l-għollieq tal-Artiku, il-lampun ħelu, il-fisalis, il-lajmkwat, il-mangostijn, il-pitaja ħelwa (il-pitaja ħamra), it-tiger nut (iċ-ċufa), il-kiwiberry, l-għeruq tal-lovage (*Levisticum officinale*), l-għeruq tal-anġelika, l-għeruq tal-ġenzjana, it-tadama tas-siġra, il-gojiberry, il-wolfberry, iċ-ċoj sum, il-kale (speċje ta' kaboċċa li ma tiffurmax qalba) portugiż, il-kaboċċa portugiża, il-weraq tal-piżelli u tar-ravanell, l-ispinaċi amaranthus u ż-żeriegħa tagħha, il-ħaxixa tal-irmied (*Salsola soda*), iż-żerriegħa tal-*Cucurbitaceae* minbarra dawk tal-qara', tal-kwinoa, il-fjur tas-sebuqa, il-weraq tal-ġinkgo, il-fjuri li jistgħu jittieklu, in-nagħniegħ u l-annimali tal-kaċċa. L-għeneb tal-muntanja (*Vaccinium vitis-idaea*) jitressaq mill-kategorija tal-blueberries (*Vaccinium myrtillus*) għall-kategorija tal-cranberries (*Vaccinium oxycoccus*). L-isem bil-Latin tal-għeneb jitbiddel skont in-nomenklatura internazzjonali.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

ANNESS

"ANNESS I

Prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali msemmija fl-Anness 2(1)

Numru tal-kodiċi [1]	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku [2]	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0100000	1. FROTT FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠWIEŻ				
0110000	(i) **Frott taċ-ċitru**				Il-prodott sħiħ
0110010		Grejpfrut	*Citrus paradisi*	Shaddocks, pomelos, sweeties, tangelo (minbarra l-minneola), ugli u ibridi oħra	
0110020		Larinġ	*Citrus sinensis*	Bergamott, larinġ qares, kinotto u ibridi oħra	
0110030		Lumi	*Citrus limon*	Tronġ, lumi	
0110040		Xkomp (lajm)	*Citrus aurantifolia*		
0110050		Mandolin	*Citrus reticulata*	Klementini, mandolin, il-minneola u ibridi oħra	
0110990		Oħrajn [3]			
0120000	(ii) **Ġwież tas-siġar (bil-qoxra jew mingħajrha)**				Prodott sħiħ wara t-tneħħija tal-qoxra (minbarra l-qastan)
0120010		Lewż	*Prunus dulcis*		
0120020		Ġewż tal-Brażil	*Bertholletia excelsa*		
0120030		Ġewż tal-anakardju	*Anacardium occidentale*		
0120040		Qastan	*Castanea sativa*		
0120050		Ġewż tal-Indi	*Cocos nucifera*		
0120060		Ġellewż	*Corylus avellana*	Filbert	
0120070		Makadamja	*Macadamia ternifolia*		
0120080		Ġwież tal-Pekan	*Carya illinoensis*		
0120090		Ġwież tal-arznu	*Pinus pinea*		

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0120100		Pistaċċi	*Pistachia vera*		
0120110		Ġewż	*Juglans regia*		
0120990		Oħrajn (3)			
0130000	(iii) **Frott pomum**				Prodott sħiħ wara t-tneħħija taz-zkuk
0130010		Tuffieħ	*Malus domesticus*	Tuffieħ selvaġġ (*Malus sylvestris*)	
0130020		Lanġas	*Pyrus communis*	Lanġas Orjentali	
0130030		Sfarġel	*Cydonia oblonga*		
0130040		Naspli (4)	*Mespilus germanica*		
0130050		Naspla tal-Ġappun (4)	*Eriobotrya japonica*		
0130990		Oħrajn (3)			
0140000	(iv) **Frott tal-għadma**				Prodott sħiħ wara t-tneħħija taz-zkuk
0140010		Berquq	*Prunus armenica*		
0140020		Ċiras	*Prunus avium*	Ċiras ħelu, ċiras qares	
0140030		Lanġas	*Prunus persica*	Nuċiprisk u ibridi simili	
0140040		Għanbaqar	*Prunus domestica*	Pruna għanbaqra, mirabelle, pruna salvaġġa	
0140990		Oħrajn (3)			
0150000	(v) **Frott tal-bosk u frott żgħir**				Prodott sħiħ wara t-tneħħija ta' qieġħ iz-zokk u taz-zkuk ħlief fil-każ tal-passolina: frott biz-zkuk.
0151000	(a) Għeneb tal-ikel u tal-inbid				
0151010		Għeneb tal-ikel	*Vitis vinifera*		
0151020		Għeneb tal-inbid	*Vitis vinifera*		

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0152000	(b) Frawli		*Fragaria* spp		
0153000	(c) Frott tal-kannamiela				
0153010		Tut	*Rubus fruticosus*		
0153020		Dewberries	*Rubus ceasius*	Loganberries, Boysenberries, u cloudberries	
0153030		Lampun	*Wineberries*	Wineberries, għollieq tal-Artiku/ lampun, (*Rubus arcticus*), nectar raspberries (*Rubus arcticus x idaeus*)	
0153990		Oħrajn (3)			
0154000	(d) Frott tal-bosk u frott żgħir ieħor				
0154010		Blueberries	*Vaccinium spp except V. macrocarpon and V. vitis-idaea*	Mirtill	
0154020		Cranberries	*Vaccinium macrocarpon and V.vitis-idaea*	għeneb tal-muntanja (bilberries/mirtill aħmar)	
0154030		Passolina (ħamra, sewda u bajda)	*Ribes nigrum, Ribes rubrum*		
0154040		Gooseberries	*Ribes uva-crispa*	Inklużi l-ibridi ma' speċi oħra ta' ribes	
0154050		Warda Skocciża	*Rosa canina*		
0154060		Ċawsli (4)	*Morus* spp	arbutus berry	
0154070		Azarole (4) (naspla Mediterranja)	*Crataegus azarolus*	Kiwiberry *(Actinidia arguta)*	
0154080		Frott tas-sebuqa (4)	*Sambucus nigra*	Black chokeberry (appleberry), mountain ash, azarole, buckthorn (sea sallowthorn), hawthorn, service berries, u frott tal-bosk ieħor	
0154990		Oħrajn (3)			
0160000	(vi) **Diversi tipi ta' frott**				Prodott sħiħ wara t-tneħħija taz-zkuk jew ta' qiegħ iz-zokk (ananas)

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0161000	(a) Qoxra li tittiekel				
0161010		Tamal	*Phoenix dactylifera*		
0161020		Tin	*Ficus carica*		
0161030		Żebbuġ tal-ikel	*Olea europaea*		
0161040		Kumquats (4)	*Fortunella species*	Marumi kumquats, nagami kumquats, limequats (*Citrus aurantifolia x Fortunella* spp.)	
0161050		Karambola (4)	*Averrhoa carambola*	Bilimbi	
0161060		Kaki (4)	*Diospyros kaki*		
0161070		Jambolan (4) (għanbaqar ta' Ġava),	*Syzygium cumini*	Tuffieħa ta' Ġava (water apple), pomerac, rose apple, ċirasa Brażiljana ċirasa tas-Surinam (grumichama *Eugenia uniflora*),	
0161990		Oħrajn (3)			
0162000	(b) qoxra li ma tittikilx, żgħira				
0162010		Kiwi	*Actinidia deliciosa* syn. *A. chinensis*		
0162020		Liċċi (lychee)	*Litchi chinensis*	Pulasan, rambutan (liċċi bis-suf), mangosteen	
0162030		Frotta tal-passjoni	*Passiflora edulis*		
0162040		Bajtar tax-xewk (4)	*Opuntia ficus-indica*		
0162050		Tuffieħa stilla (4)	*Chrysophyllum cainito*		
0162060		Frotta tal-kaki (4) (Kaki tal-Virġinja)	*Diospyros virginiana*	Sapote sewda, bajda, ħadra, safra (canistel), u mammey	
0162990		Oħrajn (3)			
0163000	(c) qoxra li ma tittikilx, kbira				

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0163010		Avokado	*Persea americana*		
0163020		Banana	*Musa paradisica*	Banana nanija, pjantaġġni, bananito	
0163030		Mango	*Mangifera indica*		
0163040		Papaja	*Carica papaya*		
0163050		Rummien	*Punica granatum*		
0163060		Ċerimoja (4)	*Annona cherimola*	Custard apple, sugar apple (sweetsop), llama u Annonnaceae oħra ta' daqs medju	
0163070		Guwava (4)	*Psidium guajava*	Pitaja ħamra jew ħelwa (*Hylocereus undatus*)	
0163080		Ananas	*Ananas comosus*		
0163090		Frotta tas-siġra tal-ħobż (4)	*Artocarpus altilis*	Jackfruit	
0163100		Durian (4)	*Durio zibethinus*		
0163110		Il-frotta tal-annona (4) (guanbana),	*Annona muricata*		
0163990		Oħrajn (3)			
0200000	2. ĦAXIX FRISK JEW IFFRIŻAT;				
0210000	(i) **Ħxejjex tal-għeruq jew bit-tuberi**				Prodott sħiħ wara li jitneħħa qiegħ iz-zokk (jekk ikun hemm) u l-fdalijiet tal-ħamrija permezz tat-tlaħlih jew it-tfarfir
0211000	(a) Patata		Tuberi *Solanum* Spp		
0212000	(b) ħxejjex tropikali bl-għeruq u bit-tuberi				
0212010		Cassava	*Manihot esculenta*	Dasheen, eddoe (Japanese taro), tannia	

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0212020		Patata ħelwa	*Ipomoea batatas*		
0212030		Jamm	*Dioscorea* sp.	Potato bean (yam bean), Mexican yam bean	
0212040		Ararut (4)	*Maranta arundinacea*		
0212990		Oħrajn (3) (4)			
0213000	(c) Ħxejjex oħra tal-għeruq u bit-tuberi minbarra l-pitrava zokkrija				
0213010		Pitrava zokkrija	*Beta vulgaris* subsp. *vulgaris*		
0213020		Karrotti	*Daucus carota*		
0213030		Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	*Apium graveolens* var. *rapaceum*		
0213040		Għerq il-mustarda	*Armoracia rusticana*	L-għeruq tal-anġelika, tal-lovage, tal-ġenzjana	
0213050		Artiċokk	*Helianthus tuberosus*		
0213060		Zunnarija bajda	*Pastinaca sativa*		
0213070		Tursin tal-għeruq	*Petroselinum crispum*		
0213080		Ravanell	*Raphanus sativus* var. *saitvus*	Ravanell iswed, ravanell Ġappuniż, ravanell żgħir u varjetajiet simili, tiger nut *(Cyperus esculentus)*	
0213090		Sassefrika	*Tragopogon porrifolius*	Scorzonera, sassefrika Spanjola (Spanish oysterplant)	
0213100		Swedes	*Brassica napus* var. *napobrassica*		
0213110		Turnip (xorta ta' Brassica)	*Brassica rapa*		
0213990		Oħrajn (3)			

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0220000	(ii) **Ħxejjex tal-basla**				Prodott sħiħ wara li titneħħa l-ġilda li tinqala' b'ħeffa u l-ħamrija (jekk ikun niexef) jew tal-għeruq u l-ħamrija (jekk ikun frisk)
0220010		Tewm	*Allium sativum*		
0220020		Basal	*Allium cepa*	Basal silverskin	
0220030		Xalotti	*Allium ascalonicum* (*Allium cepa* var. *aggregatum*)		
0220040		Spring onions	*Allium cepa*	Basla ta' Wales u varjetajiet simili	
0220990		Oħrajn (3)			
0230000	(iii) **Ħxejjex tal-frott**				Prodott sħiħ wara t-tneħħija taz-zkuk (fil-każ tal-qamħ ħelu mingħajr il-fosdqa u fil-każ tal-fisalis mingħajr is-sepali)
0231000	(a) Solanacea				
0231010		Tadam	*Lycopersicum esculentum*	Tadam ċiras, tadam tas-siġra, il-Fisalis, il-goġiberri, il-wolfberry (*Lycium barbarum* u *L. chinense*)	
0231020		Bżar	*Capsicum annuum*, var. *grossum* and var. *longum*	Bżar aħmar	
0231030		Brunġiel	*Solanum melongena*	Pepino	
0231040		Okra, lady's fingers	*Hibiscus esculentus*		
0231990		Oħrajn (3)			
0232000	(b) Kukurbiti - tal-qoxra li tittiekel				
0232010		Ħjar	*Cucumis sativus*		
0232020		Ħjar żgħir għall-immarinat (Gherkins)	*Cucumis sativus*		

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0232030		Qarabagħli żgħir	*Cucurbita pepo* var. *melopepo*	Summer squash, qara' (patisson)	
0232990		Oħrajn (3)			
0233000	(c) Kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx				
0233010		Bettieħ	*Cucumis melo*	Kiwano	
0233020		Qara'	*Cucurbita maxima*	Qargħa ħamra	
0233030		Dulliegħ	*Citrullus lanatus*		
0233990		Oħrajn (3)			
0234000	(d) Qamħ ħelu		*Zea mays* var. *sacharata*		Il-qlub fuq il-bezzun tal-qamħ mingħajr il-qxur
0239000	(e) Ħxejjex tal-frott oħra				
0240000	(iv) **Ħxejjex brassika**				
0241000	(a) Brassika li tagħmel il-fjuri				Baqta biss
0241010		Brokkoli	*Brassica oleracea*	Calabrese, brokkoli Ċiniżi, broccoli raab	
0241020		Pastard	*Brassica oleracea* var. *botrytis*		
0241990		Oħrajn (3)			
0242000	(b) Brassika bir-ras				Pjanta sħiħa wara t-tneħħija tal-għeruq u l-weraq midbiela
0242010		Brussels Sprouts	*Brassica oleracea* var. *gemmifera*		Buttuni tal-kaboċċa biss
0242020		Kaboċċa tar-ras	*Brassica oleracea* convar. *capitata*	Kaboċċa bir-ras ippuntata, kaboċċa ħamra, kaboċċa mfelfla (savoy), kaboċċa bajda	
0242990		Oħrajn (3)			
0243000	(c) Brassika bil-weraq				Pjanta sħiħa wara t-tneħħija tal-għeruq u l-weraq midbiela

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0243010		Kaboċċa Ċiniża	*Brassica rapa subspecies pekinensis group*	Mustarda Indjana (Ċiniża) pak choi, kaboċċa ċatta Ċiniża (tai goo choi), kaboċċa ta' peking (pe-tsai)	
0243020		Kale	*Brassica oleracea* convar. *Acephalea*	Borecole (kale innukklat) collards, Kale Portugiż, Kaboċċa Portugiża, cow cabbage	
0243990		Oħrajn (3)			
0244000	(d) Ġidra		*Brassica oleracea* convar. *acephala*, var. *gongylodes*		Prodott sħiħ wara t-tneħħija tal-għeruq, u tal-ħamrija li tkun baqgħet mwaħħla
0250000	(v) **Ħxejjex tal-weraq u ħwawar friski**				Pjanta sħiħa wara t-tneħħija tal-għeruq u l-weraq midbiel ta' barra, u l-ħamrija li jkun fadal
0251000	(a) Il-ħass u ħxejjex oħra tal-insalata inklużi l-Brassicacea				
0251010		Ħass tal-ħaruf	*Valerianella locusta*	Cornsalad Taljan	
0251020		Ħass	*Lactuca sativa*	Ħass ikkabboċjat, lollo rosso, ħass iceberg, ħass romaine (cos)	
0251030		Scarole (indivja tal-werqa wiesgħa)	*Cichorium endiva*	Ċikwejra selvaġġa, ċikwejra tal-werqa ħamra, radicchio, indivja tal-weraq innukklat, sugar loaf	
0251040		Krexxuni (4)	*Lepidium sativum*		
0251050		Krexxuni tal-art (4)	*Barbarea verna*		
0251060		Aruka (4)	*Eruca sativa* (*Diplotaxis* spec.)	Aruka selvaġġa	
0251070		Mustarda ħamra (4)	*Brassica juncea* var. *rugosa*		

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0251080		Weraq u nebbieta tal-*Brassica* spp. (4), inklużi l-weraq tat-turnip	*Brassica* spp.	Mizuna, weraq tal-piselli u tar-ravanell u pjanti oħra tal-familja brassica bil-weraq żgħir (pjanti li jinħasdu sal-istadju fejn ikollhom l-ewwel 8 werqat)	
0251990		Oħrajn (3)			
0252000	(b) Spinaċi u simili (weraq)				
0252010		Spinaċi	*Spinacia oleracea*	Spinaċi tan-New Zealand, spinaċi amaranthus	
0252020		Burdlieqa (4)	*Portulaca oleracea*	Burdlieqa tax-xitwa (miner's lettuce), burdlieqa tal-ġonna, burdlieqa komuni, ħaxixa Ingliża glasswort, Krexxuni (*Salsola soda*)	
0252030		Weraq tal-pitravi (chard)	*Beta vulgaris*	Weraq tal-pitravi	
0252990		Oħrajn (3)			
0253000	(c) Weraq tad-dielja (4)		*Vitis vinifera*		
0254000	(d) Krexxuni tal-ilma		*Nasturtium officinale*		
0255000	(e) Witloof		*Cichorium intybus.* var. *Foliosum*		
0256000	(f) Ħxejjex aromatiċi				
0256010		Maxxita	*Anthriscus cerefolium*		
0256020		Kurrat salvaġġ	*Allium schoenoprasum*		
0256030		Weraq tal-karfus	*Apium graveolens* var. *seccalinum*	Weraq tal-bużbież, weraq tal-kosbor, weraq tax-xibt, weraq tal-ħlewwa, lovage, anġelika, sweet cicely u *Apiacea* oħrajn.	
0256040		Tursin	*Petroselinum crispum*		
0256050		Salvja (4)	*Salvia officinalis*	Sagħtrija (*Satureia hortensis, Satureia montana*)	

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0256060		Klin (4)	*Rosmarinus officinalis*		
0256070		Sagħtar (4)	*Thymus* spp.	Merdqux, riegnu	
0256080		Ħabaq (4)	*Ocimum basilicum*	Weraq tal-balzmu, pepermint, nagħniegħ	
0256090		Weraq tarrand (4)	*Laurus nobilis*		
0256100		Stragun (4)	*Artemisia dracunculus*	Issopu	
0256990		Oħrajn (3)		Fjuri li jittieklu	
0260000	(vi) **Ħxejjex legumi (friski)**				Il-prodott sħiħ
0260010		Fażola (bl-imżiewed)	*Phaseolus vulgaris*	Fażola ħadra, fażola ħamra tix-xeblek, slicing bean, yardlong beans	
0260020		Fażola (bla miżwed)	*Phaseolus vulgaris*	Ful, flageolets, jack bean, lima bean, cowpea	
0260030		Piżelli (bl-imżiewed)	*Pisum sativum*	Mangetout	
0260040		Piżelli (mingħajr imżiewed)	*Pisum sativum*	Piżelli tal-ġnien, piżelli ħodor, ċiċri	
0260050		Għads (4)	*Lens culinaris* syn. *L. esculenta*		
0260990		Oħrajn (3)			
0270000	(vii) **Ħxejjex biz-zokk (friski)**				Prodott sħiħ wara t-tneħħija tan-naħa tal-partijiet li qed jiħżienu, tal-ħamrija u tal-għeruq
0270010		Spraġ	*Asparagus officinalis*		
0270020		Kardun	*Cynara cardunculus*		
0270030		Karfus	*Apium graveolens* var. *dulce*		
0270040		Bużbież	*Foeniculum vulgare*		
0270050		Qaqoċċ tond	*Cynara scolymus*		Ras il-qaqoċċa sħiħa

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0270060		Kurrat	*Allium porrum*		
0270070		Rabarbru	*Rheum x hybridum*		Iz-zkuk wara t-tneħħija tal-għeruq u l-weraq
0270080		Rimi tal-pjanta tal-bambu (4)	*Bambusa vulgaris*		
0270090		Qlub tal-palm (4)	*Euterpa oleracea, Cocos nucifera, Bactris gasipaes, daemonorops schmidtiana*		
0270990		Oħrajn (3)			
0280000	(viii) **Faqqiegħ**				Prodott sħiħ wara t-tneħħija tal-ħamrija jew tal-materjal li fih ikun tkabbar
0280010		Faqqiegħ ikkoltivat		Faqqiegħ komuni (4), Oyster mushroom, Shitake (4)	
0280020		Faqqiegħ salvaġġ (4)		Chanterelle, Tartuf, More, Cep	
0280990		Oħrajn (3)			
0290000	(ix) **Alki** (4)				Il-prodott sħiħ wara t-tneħħija tal-weraq midbiela
0300000	3. ŻRIERAGĦ TAL-LEGUMI MNIXXFA				żrieragħ imnixxfa
0300010		Fażola	*Phaseolus vulgaris*	Ful, navy beans, flageolets, jack beans, lima beans, field beans, cowpeas	
0300020		Għads	*Lens culinaris* syn. *L. esculenta*		
0300030		Piżelli	*Pisum sativum*	Ċiċri, piżelli, ġulbiena	
0300040		Lupini (4)	*Lupinus* spp.		
0300990		Oħrajn (3)			

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0400000	4. ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT				Prodott sħiħ wara t-tneħħija tal-qxur u l-għadma meta possibbli
0401000	(i) **Żrieragħ taż-żjut**				
0401010		Żerriegħa tal-kittien	*Linum usitatissimum*		
0401020		Karawett	*Arachis hypogaea*		
0401030		Żerriegħa tal-peprin	*Papaver somniferum*		
0401040		Żerriegħa tal-ġulġlien	*Sesamum indicum* syn. *S. orientale*		
0401050		Żerriegħa tal-ġirasol	*Helianthus annuus*		
0401060		Żerriegħa tal-kolza	*Brassica napus*	Żerriegħet il-lift tal-għasafar, turnip rape	
0401070		Żerriegħa tas-sojja	*Glycine max*		
0401080		Żerriegħa tal-mustarda	*Brassica nigra*		
0401090		Żerriegħa tal-qoton	*Gossypium* spp.		mhux imnittfa
0401100		Żerriegħa tal-qara' aħmar (4)	*Cucurbita pepo* var. *oleifera*	Żrieragħ oħrajn tal-*cucurbitacea*	
0401110		Għosfor (4)	*Carthamus tinctorius*		
0401120		Fidloqqom (4)	*Borago officinalis*		
0401130		Camelina sativa (4)	*Camelina sativa*		
0401140		Żerriegħa tal-qanneb (4)	*Cannabis sativa*		
0401150		Castor bean	*Ricinus communis*		
0401990		Oħrajn (3)			
0402000	(ii) **Frott taż-żejt**				
0402010		Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt (4)	*Olea europaea*		Frotta sħiħa wara t-tneħħija taz-zkuk u tal-ħamrija (jekk ikun hemm)

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0402020		Ġewż tal-palm (qlub biż-żejt tal-palm) (4)	*Elaeis guineensis*		
0402030		Frott tal-palm (4)	*Elaeis guineensis*		
0402040		Kapok (4)	*Ceiba pentandra*		
0402990		Oħrajn (3)			
0500000	5. IĊ-ĊEREALI				Sħaħ/ħabb
0500010		Xgħir	*Hordeum* spp.		
0500020		Qamħ saraċin	*Fagopyrum esculentum*	Amaranthus, quinoa	
0500030		Qamħirrun	*Zea mays*		
0500040		Dekkuk (4)	*Panicum* spp.	Millieġ foxtail, teff	
0500050		Ħafur	*Avena sativa*		
0500060		Ross	*Oryza sativa*		
0500070		Segala	*Secale cereale*		
050080		Sorgu (4)	*Sorghum bicolor*		
050090		Qamħ	*Triticum aestivum, T. durum*	Spelt, triticale	
0500990		Oħrajn (3)			
0600000	6. TÈ, KAFÉ, INFUŻJONIJIET ERBALI U KAKAW				
0610000	(i) **Tè** (weraq u zkuk imnixxfa, iffermentat jew mhux, tal-Camellia sinensis)	Tè	*Camellia sinensis*		Il-prodott sħiħ
0620000	(ii) **Żrieragħ tal-kafé** (4)				Żrieragħ ħodor
0630000	(iii) **Infużjonijiet erbali** (4) (imnixxfa)				
0631000	(a) Fjuri				Fjuri sħaħ wara t-tindif miz-zkuk u l-weraq midbiela
0631010		Fjuri tal-Kamumilla	*Matricaria recutita, Chamaemelum nobile*		
0631020		Fjuri tal-ħibiskus	*Hibiscus sabdariffa*		

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0631030		Petali tal-ward	*Rosa* spec.		
0631040		Fjuri tal-ġiżimin	*Jasminum officinal,*	Fjuri tas-sebuqa (Sambucus nigra).	
0631050		Lajm	*Tillia cordata*		
0631990		Oħrajn (3)			
0632000	(b) Weraq				Prodott sħiħ wara t-tindif mill-għeruq u l-weraq midbiela
0632010		Weraq tal-frawli	*Fragaria* spp.		
0632020		Weraq tar-rooibos	*Aspalathus* spec.	Weraq tal-ġingo	
0632030		Matè (tè tal-Paraguay)	*Ilex paraguariensis*		
0632990		Oħrajn (3)			
0633000	(c) Għeruq				Prodott sħiħ wara t-tneħħija tan-naħa ta' fuq u tal-ħamrija li jkun fadal permezz tat-tlaħlih jew it-tfarfir
0633010		Għeruq tal-Valerjana	*Valeriana officinalis*		
0633020		Għeruq tal-ġinseng	*Panax ginseng*		
0633990		Oħrajn (3)			
0639000	(d) Infużjonijiet erbali oħra				
0640000	(iv) **Żerriegħa tal-kakaw** (4) (iffermentati jew imnixxfin)		*Theobroma cacao*		Żrieragħ wara t-tneħħija tal-qxur
0650000	(v) **Ħarrub** (4)		*Ceratonia siliqua*		Prodott sħiħ wara t-tindif miz-zkuk jew minn qiegħ iz-zokk
0700000	7. ĦOPS (imnixxfa), inklużi pelits tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat		*Humulus lupulus*		Ġewż imnixxef
0800000	8. ĦWAWAR (4)				Il-prodott sħiħ, imnixxef
0810000	(i) **Żrieragħ**				
0810010		Ħlewwa	*Pimpinella anisum*		

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0810020		Ħlewwa sewda	*Nigella sativa*		
0810030		Żerriegħa tal-karfus	*Apium graveolens*	Żerriegħa tal-Lovage	
0810040		Żerriegħa tal-kosbor	*Coriandrum sativum*		
0810050		Żerriegħa tal-kemmun	*Cuminum cyminum*		
0810060		Żerriegħa tax-xibt	*Anathum graveolens*		
0810070		Żerriegħa tal-bużbies	*Foeniculum vulgare*		
0810080		Fenugreek	*Trigonella foenum-graecum*		
0810090		Noċemuskata	*Myristica fragans*		
0810990		Oħrajn (3)			
0820000	(ii) **Frott u berries**				
0820010		Bżar tal-Ġamajka (allspice)	*Pimenta dioica*		
0820030		Bżar tal-ħlewwa (Bżar tal-Ġappun)	*Zanthooxylum piperitum*		
0820040		Ħlewwa (Caraway)	*Carum carvi*		
0820050		Kardamom	*Elettaria cardamomum*		
0820110		Berries tal-ġnibru	*Juniperus communis*		
0820120		Bżar iswed u abjad	*Piper nigrum*	Bżar twil, bżar roża	
0820130		Mżiewed tal-vanilla	*Vanilla fragrans* syn. *Vanilla planifolia*		
0820140		Tamar tal-Indja	*Tamarindus indica*		
0820990		Oħrajn (3)			
0830000	(iii) **Qoxra tas-siġar**				
0830010		Kannella	*Cinnamonum verum* syn. *C. zeylanicum*	Kassja	
0830990		Oħrajn (3)			

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
0840000	(iv) **Għeruq jew riżomi**				
0840010		Għud is-sus/ likwirizja	*Glycyrrhiza glabra*		
0840020		Żinżel	*Zingiber officinale*		
0840030		Żagħfran tal-Indja/kurkuma	*Curcuma* spp.		
0840040		Għerq il-mustarda	*Armoracia rusticana*		
0840990		Oħrajn (3)			
0850000	(v) **Rimi**				
0850010		Imsiemer tal-qronfo	*Syzygium aromaticum*		
0850020		Kappar	*Capparis spinosa*		
0850990		Oħrajn (3)			
0860000	(vi) **Stigma tal-fjuri**				
0860010		Żagħfran	*Crocus sativus*		
0860990		Oħrajn (3)			
0870000	(vii) **Aril**				
0870010		Il-qoxra barranija tan-noċemuskata	*Myristica fragrans*		
0870990		Oħrajn (3)			
0900000	9. PJANTI TAZ-ZOKKOR (4)				
0900010		Pitrava (l-għerq)	*Beta vulgaris*		Prodott sħiħ wara t-tneħħija tan-naħa ta' fuq u tal-fdalijiet tal-ħamrija permezz tat-tlaħliħ jew it-tfarfir
0900020		Kannamiela	*Saccharum officinarum*		Prodott sħiħ wara t-tindif mill-partijiet li qed jiħżienu, mill-ħamrija u mill-għeruq
0900030		Għeruq taċ-ċikwejra (4)	*Cichorium intybus*		Prodott sħiħ wara t-tneħħija tan-naħa ta' fuq u tal-fdalijiet tal-ħamrija permezz tat-tlaħliħ jew it-tfarfir
0900990		Oħrajn (3)			

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
1000000	10. PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TAL-ART				
1010000	(i) **Laħam, preparazzjonijiet bil-laħam, l-organi interni, id-demm, ix-xaħmijiet tal-annimali mkessħin jew iffriżati, immellħin, fis-salmura, imnixxfin jew affumikati jew miħunin b'mod raffinat jew mhux raffinat; prodotti pproċessati oħra, bħaz-zalzett u ikel ippreparat ibbażat fuq dawn il-prodotti**				Il-prodott sħiħ jew il-parti minnu biss li hi xaħam (5)
1011000	(a) Ħnieżer		*Sus scrofa*		
1011010		Il-Laħam			
1011020		Xaħam mingħajr dgħif			
1011030		Fwied			
1011040		Kliewi			
1011050		L-interni li jittieklu			
1011990		Oħrajn (3)			
1012000	(b) Bovini		*Bos* spec.		
1012010		Laħam			
1012020		Xaħam			
1012030		Fwied			
1012040		Kliewi			
1012050		L-interni lijittieklu			
1012990		Oħrajn (3)			
1013000	(c) Nagħaġ		*Ovis aries*		
1013010		Laħam			
1013020		Xaħam			
1013030		Fwied			
1013040		Kliewi			

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti ohrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
1013050		L-interni li jittieklu			
1013990		Oħrajn (3)			
1014000	(d) Mogħoż		*Capra hircus*		
1014010		Laħam			
1014020		Xaħam			
1014030		Fwied			
1014040		Kliewi			
1014050		L-interni li jittieklu			
1014990		Oħrajn (3)			
1015000	(e) Żwiemel, ħmir, bgħula jew hinnies		*Equus* spec.		
1015010		Laħam			
1015020		Xaħam			
1015030		Fwied			
1015040		Kliewi			
1015050		L-interni li jittieklu			
1015990		Oħrajn (3)			
1016000	(f) Tjur tar-razzett -tiġieġ, wiżż, papri, dundjani u fargħuni, ngħam, ħamiem		*Gallus gallus, Anser anser, Anas platyrhynchos, Meleagris gallopavo, Numida meleagris, Coturnix coturnix, Struthio camelus, Columba* sp.		
1016010		Laħam			
1016020		Xaħam			
1016030		Fwied			
1016040		Kliewi			
1016050		L-interni li jittieklu			
1016990		Oħrajn (3)			

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
1017000	(g) Annimali tal-irziezet oħrajn			Fenek, kangarù, tjur tal-kaċċa	
1017010		Laħam			
1017020		Xaħam			
1017030		Fwied			
1017040		Kliewi			
1017050		L-interni li jittieklu			
1017990		Oħrajn (3)			
1020000	(ii) **Ħalib u krema, mhux ikkonċentrati, u lanqas ma fihom zokkor jew ħlewwiet miżjuda, butir jew xaħmijiet oħra li ġejjin mill-ħalib, mill-ġobon jew mill-baqta.**				Il-prodott sħiħ jew il-parti minnu biss li hi grass (6)
1020010		Frat			
1020020		Nagħaġ			
1020030		Mogħoż			
1020040		Żwiemel			
1020990		Oħrajn (3)			
1030000	(iii) **Bajd tal-għasafar, frisk, ippriservat, jew imsajjar; Bajd bla qoxra u isfar tal-bajd friski, imnixxfa, imsajra fuq il-fwar jew mgħollija fl-ilma, iffurmati, iffriżati jew ippreżervati mod ieħor, fihom jew ma fihomx zokkor jew ħlewwiet miżjuda**				Il-prodott sħiħ jew il-parti minnu biss li hi grass (7)
1030010		Tiġieġ			
1030020		Papri			
1030030		Wiżż			
1030040		Summien			
1030990		Oħrajn (3)			
1040000	(iv) **Għasel**		*Apis melifera, Melipona* spec.	Pappa rjali, polline	
1050000	(v) **Anfibji u rettili**		*Rana* spec. *Crocodilia* spec.	Saqajn taż-żrinġijiet, kukkudrilli	

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Eżempji ta' prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs	Isem Xjentifiku (2)	Eżempji ta' varjetajiet relatati jew prodotti oħrajn inklużi fid-definizzjoni li għaliha japplika l-istess MRL	Partijiet mill-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs
1060000	(vi) **Bebbux**		*Helix* spec.		Il-prodott sħiħ wara li titneħħa l-qoxra
1070000	(vii) **Prodotti minn annimali oħra tal-art**				
1100000	11. ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT, FROTT TAl-BAĦAR, MOLLUSKI U PRODOTTI TAL-IKEL OĦRA TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU (8)				
1200000	12. ĦXEJJEX JEW PARTIJIET MILL-ĦXEJJEX UŻATI ESKLUŻIVAMENT GĦALL-GĦALF (8)				

(1) In-numru tal-kodiċi huwa introdott minn dan l-Anness u huwa maħsub biex jistipula klassifikazzjoni taħt dan l-Anness u Annessi oħrajn relatati tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) L-isem xjentifiku tal-oġġetti elenkati fil-kolonna 'Prodotti individwali fi ħdan il-gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs', huwa msemmi fejn possibbli u rilevanti. Kemm hu possibbli, tiġi segwita s-Sistema Internazzjonali tan-Nomenklatura.

(3) Il-kelma 'oħrajn' tkopri dak kollu mhux imsemmi espliċitament taħt il-bqija tal-kodiċi fi ħdan il-'Gruppi li għalihom japplikaw l-MRLs'.

(4) L-MRLs fl-Annessi II u III japplikaw biss għall-prodott użat għall-konsum uman. Għall-partijiet tal-prodott użati esklussivament bħala għalf, se jkunu applikabbli l-MRLs separati.

(5) Meta l-pestiċida u/jew il-metaboliti (inklużi fid-definizzjoni tar-reżidwi) ikunu solubbli fl-ilma (log P_{ow} inqas minn 3), l-LRM huwa espress bħala mg/kg ta' laħam (inkluż ix-xaħam), preparazzjonijiet ta' laħam, interni u xaħmijiet annimali. Meta l-pestiċida u/jew il-metaboliti (inklużi fid-definizzjoni tar-residwi) ikunu solubbli fix-xaħam (log P_{ow} ta' 3 jew aktar), l-LRM huwa espress bħala mg/kg ta' xaħam fil-laħam, fil-preparazzjonijiet tal-laħam, fl-interni, u fix-xaħam tal-annimali. Fil-każ ta' oġġetti tal-ikel b'kontenut ta' xaħam ta' 10 % jew inqas fil-piż, ir-residwu huwa mqabbel mal-piż totali tal-oġġett tal-ikel mingħajr għadam. F'dan il-każ, il-livell massimu huwa wieħed minn għaxra tal-valur imqabbel mal-kontenut tax-xaħam, iżda ma jistax ikun inqas minn 0,01 mg/kg. Dan ma japplikax meta l-LRM ikun iffissat fil-Limitu ta' Detezzjoni.

(6) Meta l-pestiċida u/jew il-metaboliti (inklużi fid-definizzjoni tar-reżidwi) ikun/u solubbli fl-ilma (log P_{ow} inqas minn 3) l-LRM huwa espress bħala mg/kg tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib. Meta l-pestiċida u/jew il-metabolit (inkluż fid-definizzjoni tar-reżidwi) ikun solubbli fix-xaħam (log P_{ow} ikbar jew daqs 3) l-LRM huwa espress bħala mg/kg tal-ħalib tal-baqra u tal-ħalib tal-baqra intier. Biex jiġu ddeterminati r-reżidwi fil-ħalib tal-baqar mhux ipproċessat, għandu jittieħed bħala bażi kontenut ta' grass ta' 4 % tal-piż. Għall-ħalib mhux ipproċessat u ħalib intier ta' oriġini minn annimal ieħor, ir-reżidwi jiġu espressi abbażi tal-grass. Għall-oġġetti tal-ikel l-oħra mniżżla bħala b'kontenut ta' grass ta' inqas minn 2 % bil-piż, il-livell massimu huwa meħud bħala nofs dak iffissat għall-ħalib mhux ipproċessat u għall-ħalib intier, b'kontenut ta' grass ta' 2 % jew iżjed bil-piż, il-livell massimu huwa espress f'mg/kg ta' grass. F'dan il-każ, il-livell massimu huwa 25 darba daqs dak iffissat għall-ħalib mhux ipproċessat u l-ħalib intier. Dan tal-aħħar ma japplikax għal meta l-LRM huwa ffissat mal-LOD.

(7) Meta l-pestiċida u/jew il-metaboliti (inklużi fid-definizzjoni tar-reżidwi) ikun/u solubbli fl-ilma (log P_{ow} ta' inqas minn 3) l-LRM huwa espress bħala mg/kg tal-bajd frisk mingħajr qoxra u tal-isfra tal-bajd; Meta l-pestiċida u/jew il-metaboliti (inklużi fid-definizzjoni tar-reżidwi) ikun/u solubbli fix-xaħam (log P_{ow} ta' 3 jew inqas) l-LRM huwa espress bħala mg/kg tal-bajd frisk mingħajr qoxra u tal-isfra tal-bajd; Iżda għall-bajd u għall-prodotti tal-bajd b'kontenut ta' grass oħla minn 10 %, il-livell massimu jiġi espress f'mg/kg ta' grass. F'dan il-każ, il-livell massimu huwa ta' 10 darbiet oħla mil-livell massimu għall-bajd frisk. Dan tal-aħħar ma japplikax għal meta l-LRM huwa ffissat mal-LOD.

(8) L-LMRs mhumiex applikabbli qabel ma jkunu identifikati u elenkati l-prodotti individwali."